This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:100

0 2 4 6 8 10m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **306784 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53113** **y = 74822**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5274**	Data: *Date:* **26/05/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Circa: 18·49 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284885 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 1444

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta tad-29 ta' Novembru, 1988, il-proprjetà hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-proprjetà hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Id-19 ta' Ottubru, 2023
(File No. L/0375/1988/27A)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żurrieq:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 534 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Catherine Grixti u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Carmela Farrugia jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur aħdar u mmarkata bħala plot 27A fuq il-pjanta L.D. nru. 159A/88/1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-proprjetà hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' elfejn, mija u wieħed u sittin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,161.93), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Antoine Abdilla, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1444

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Acting President of Malta of the 29th November, 1988, the undermentioned property was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

19th October, 2023

Description of the Land

The following land at Żurrieq:

A plot of land measuring about 534 square metres, bounded on the North East by property of Catherine Grixti and on the North West by property of Carmela Farrugia or more precise boundaries.

The above mentioned land is shown delineated with the colour green and marked as plot 27A on plan L.D. no. 159A/88/1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned property in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is two thousand, one hundred and sixty one Euros and ninety three cents (€2,161.93), according to the valuation made by Architect Antoine Abdilla, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-22 ta' Ġunju, 2023

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 12,042.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-plot '27A' f'Wied Fulija, fiż-Żurrieq, Malta, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1988, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-biċċa art hawn taħt deskritta f'Wied Fulija, fiż-Żurrieq, Malta, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 534 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Catherine Grixti u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Carmela Farrugia jew irjieħ verjuri. Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħdar u mmarkata bħala plot '27A' fuq il-pjanta L.D. nru. 159A/88/1, u stmata għall-valur ta' elfejn, mija u wieħed u sittin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€2,161.93).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fl-14 ta' Ġunju, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Antoine Abdilla, BE&A (Hons)

Id-19 ta' Ġunju, 2023

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

22nd June, 2023

This site plan is being published on page 12,042.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of the plot '27A' at Wied Fulija, in Żurrieq, Malta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1988, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the plot of land described below at Wied Fulija, in Żurrieq, Malta, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 534 square metres, bounded on the North East by property of Catherine Grixti and on the North West by property of Carmela Farrugia or more precise boundaries. The plot of land is shown delineated with the colour green and marked as plot '27A' on plan L.D. nru. 159A/88/1, and valued for two thousand, one hundred and sixty one Euros and ninety three cents (€2,161.93).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 14th June, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Antoine Abdilla, BE&A (Hons)

19th June, 2023

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **310255 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 54476 y = 63990**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5463**	Data: *Date:* **23/06/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA: 534m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284791

Dritt imhallas *Fee Paid*

Nru. 1445

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-10 ta' April, 1992, il-proprjetà hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-proprjetà hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Id-19 ta' Ottubru, 2023

(File No. L/0480/1983/VII)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birkirkara:

Biċċa art li tikkonsisti f'razzett tal-kejl ta' 315-il metru kwadru fl-ewwel livell u tal-kejl ta' 18.5 metri kwadri fit-tieni livell, li tinkludi reservoir, kamra u reservoir ieħor u li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà ta' Paul Debono jew irjieħ verjuri.

Il-proprjetà tidher murija fuq il-pjanta L.D. nru. 123H/83, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-proprjetà hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Samuel Formosa, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 1445

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 10th April, 1992, the undermentioned property was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

19th October, 2023

Description of the Land

The following land at Birkirkara:

A plot of land consisting in a farm measuring 315 square metres at first floor level and measuring 18.5 square metres at second floor level, including a reservoir, a room and another reservoir and bounded on the North, in the East and on the West by property of Paul Debono or more precise boundaries.

The property is shown on plan L.D. no. 123H/83, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned property in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is twenty five thousand and six hundred Euros (€25,600), according to the valuation made by Architect Samuel Formosa, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' Lulju, 2023

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 12,045.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' razzett fiż-żona Taż-Żwejt, f'Birkirkara, Malta, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1992, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-proprjetà hawn taħt deskritta fiż-żona Taż-Żwejt, f'Birkirkara, Malta, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art li tikkonsisti f'razzett tal-kejl ta' 315-il metru kwadru fl-ewwel livell u tal-kejl ta' 18.5 metri kwadri fit-tieni livell, li tinkludi reservoir, kamra u reservoir ieħor u li tmiss mit-Tramuntana, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà ta' Paul Debono jew irjieħ verjuri. Il-proprjetà tidher murija fuq il-pjanta L.D. nru. 123H/83, u stmata għall-valur ta' ħamsa u għoxrin elf u sitt mitt Ewro (€25,600).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-28 ta' Ġunju, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Samuel Formosaa, BE&A (Hons)

It-13 ta' Ġunju, 2023

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th July, 2023

This site plan is being published on page 12,045.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a farm in the area of Taż-Żwejt, at Birkirkara, Malta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1992, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the property described below in the area of Taż-Żwejt, at Birkirkara, Malta, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land consisting in a farm measuring 315 square metres at first floor level and measuring 18.5 square metres at second floor level, including a reservoir, a room and another reservoir and bounded on the North, in the East and on the West by property of Paul Debono or more precise boundaries. The property is shown on plan L.D. nru. 123H/83, and valued for twenty five thousand and six hundred Euros (€25,600).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 28th June, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Samuel Formosa, BE&A (Hons)

13th June, 2023

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:250

0 5 10 15 20 25m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **315150 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 52245** **y = 74288**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5274**	Data: *Date:* **04/08/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* A = 315 m² (CIRCA)
B = 18·5 m² "

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 285002 Dritt imħallas *Fee Paid*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2094

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2023, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 156/2022 fl-ismijiet Rita Magrin et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fil-9 ta' Ġunju, 2022, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huma:

Il-fond numru 68, ġja numru 67, Triq Parisot, Ix-Xagħra, Għawdex; u biċċa raba' msejħa 'Ta' Għermida' ta' ċirka 187 metru kwadru, fix-Xagħra, Għawdex, liema raba' hija llum formanti parti mill-imsemmi fond, kif murija t-tnejn li huma fuq pjanta annessa maċ-ċedola, suġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.21c u ta' €0.01c rispettivament, liema somma komplessiva ta' €0.22c kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal €4.40c, liema somma, flimkien mas-somma ta' €0.66c bħala arretrati tal-aħħar tliet snin, qed tiġi depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti u tista' liberament tittieħed mill-intimat wara li titħalla debita riċevuta.

Illi l-esponenti jrid jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu mill-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, u jifdi dan iċ-ċens skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 23rd January, 2023, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 23rd January, 2023, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the immovable below described in the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 156/2022 in the names Rita Magrin et vs Deputy Curators to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below, which schedule of deposit was filed on the 9th June, 2022, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is:

The premises number 68, formerly number 67, Triq Parisot, Xagħra, Gozo; and a plot of land called 'Ta' Għermida' of circa 187 square meters, in Xagħra, Gozo, which plot nowadays forms part of the said property, as shown both of them on a plan attached to the schedule of deposit, subject for the annual and perpetual ground rent of €0.21c and €0.01c respectively, which total sum of €0.22c capitalized at the rate of five percent (5%) amounts to €4.40c, which sum, together with the sum of €0.66c as arrears for the last three years, is being deposited under the authority of the Court and which may be freely withdrawn by the respondent on condition he tenders relative receipt.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by article 1501 et sequitur of the Civil Code and redeem this ground rent according to the law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice

bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 17 ta' Ottubru, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so accepts.

You are also ordered to inform each one that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl., a Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 17th October ,2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals

2095

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-23 ta' Jannar, 2023, ġie ordnat li jintagħżel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 1/2022 fl-ismijiet Vella Bros Ready-Mix Limited (C13918) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fil-4 ta' Jannar, 2022, fil-Qorti tal-Maġistrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 23rd January, 2023, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 23rd January, 2023, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the immovable below described in the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 1/2022 in names Vella Bros Ready-Mix Limited (C13918) vs Deputy Curators to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below, which schedule of deposit was filed on

(Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa porzjon ta' art fil-kontrada magħrufa bħala 'Tal-Gidi', fi Triq il-Gidi, Ix-Xewkija, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u sebgħa u erbgħin metru kwadru (347m.k), u tmiss mil-Lvant mat-triq, mit-Tramuntana ma' Catherine Sammut, min-Nofsinhar ma' Josephine Grech, fuq liema porzjon art illum jinsab mibni blokk bini konsistenti f'garaxxijiet u units residenzjali, kif murija fuq pjanta annessa maċ-ċedola, suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.61c, li kapitalizzat bil-ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal €12.12c, liema somma, flimkien mas-somma ta' €1.83c bħala rata ta' ċens għal dawn l-aħħar tliet snin, għal total globali ta' €13.95c, qed tiġi depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti u tista' liberament tittieħed mill-intimat wara li titħalla debita riċevuta.

Illi l-esponenti jrid jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu mill-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, u jifdi dan iċ-ċens skont il-liġi.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 17 ta' Ottubru, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

the 4th January, 2022, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is a portion of land in the region known as 'Tal-Gidi', in Triq il-Gidi, Xewkija, Gozo, measuring approximately three hundred and forty seven square meters. (347m2), and bounded on the east by the road, north by property of Catherine Sammut, south by property of Josephine Grech, on which portion of land there is now built a block of building consisting of garages and residential units, as shown on a plan attached to the schedule of deposit, subject to the annual and perpetual ground rent of €0.61c, which capitalized at five percent (5%) amounts to €12.12c, which sum, together with the sum of €1.83c being the ground rent for these past three years, having a global amount of €13.95c, is being deposited under the authority of the Court and which may be freely withdrawn by the respondent on condition that relative receipt is tendered.

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by article 1501 et sequitur of the Civil Code and redeem this ground rent according to the law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so accepts.

You are also ordered to inform each one that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 17th October, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*